# Bażilika ProtoParrokkjali San Ġorġ Martri

L-Uffiċċju Parrokkjali, Triq il-Karità, Victoria VCT 1200, Għawdex | t: 2155 6377 | e: info@sangorg.org | L-Arċipriet • m: 7920 4434 | e: archprieststgeorge@gmail.com
w: www.stgeorge.org.mt | fb: www.facebook.com/SanGorg | live streaming: www.youtube.com/StGeorgesBasilica | RADJU *Leħen il-Belt Victoria* [104.00MHz FM Stereo] | t: 2156 5207


## IL-MADONNA TA' PINU

### *ġejja għandna*

IL-KELMA TAL-ARĊIPRIET



Għeżież, minn nhar l-Erbgħa 16 filgħaxija sal-Ħamis 17 ta' Jannar waranofsinhar il-Parroċċa tagħna se tmissha xorti kbira. Il-Kwadru oriġinali mirakoluż tal-Madonna Ta' Pinu se jħalli s-Santwarju Ta' Pinu u jiġi jżur il-parroċċa tagħna. Jixraq li fil-ġurnata li se jgħaddi magħna nagħmlu festa kbira lill-Madonna li dejjem morna għandha biex nitolbuha tieqaf magħna. Jixraq li issa li ġejja hi, issibna nilqgħuha, nifirħu biha u nitolbuha.

### Il-programm

Ma' dan il-Bullettin qed jitqassam il-programm imħejji apposta għal din il-festa. Bħala Arċipriet nistedinkom issegwuh u tkunu preżenti għad-diversi mumenti sbieħ li se jkollna. Għandna nagħmlu l-almu tagħna biex **noħorġu nilqgħuha nhar l-Erbgħa fis-6.15pm ħdejn San Ġakbu** u wara għall-quddiesa tal-ftuħ ta' din iż-żjara. Sabiħ insibu ħin nersqu għall-qrar.

Mument qawwi ieħor se jkun iċ-**ċelebrazzjoni ta' talb minn Patri Marcello Ghirlando OFM nhar l-Erbgħa fid-9.30pm**. Imbagħad bħala komunità nerġgħu ningħaqdu ma' Ommna Marija għat-tluq tagħha **nhar il-Ħamis fl-4.15pm b'Ċelebrazzjoni Kateketika**.

**Il-Madonna dejjem lesta tilqagħna. Issa li ġejja fil-parroċċa tagħna, sejrin nibqgħu għaddejjin u ma nagħtux kasha?**

## KALENDARJU 2019




F'dawn il-jiem tqassmilkom il-kalendarju sabiħ u dettaljat tal-parroċċa tagħna. Dan hu frott ta' ġimgħat ta' xogħol minn diversi persuni fl-Uffiċċju Parrokkjali tagħna. Poġġuh fejn issegwuh, u jekk għandkom persuni li tixtieqU tibagħtulhom kopja, ejjew ħudu mill-Uffiċċju Parrokkjali.

## L-ISTRINA TAL-PARROĊĊA

Matul iż-żmien tal-Milied il-Parroċċa tagħmel ħafna spejjeż, fosthom in-Novena, il-fjuri, il-kalendarju u tant aktar. Tqassmilkom l-envelop tal-Istrina tal-Parroċċa. Kunu ġenerużi kif tistgħu u wasslu l-envelop bl-għotja fl-Uffiċċju Parrokkjali. Nirringrazzjawkom mill-qalb.




## "IL-ĦAJJA F'GĦAWDEX"

Minn din is-sena din ir-rivista unika se tkun kollha kemm hi bil-kulur. Din hi l-unika rivista Għawdxija ta' kull xahar. Barra minn hekk hi mimlija b'materjal sew kulturali u sew reliġjuż mill-gżira tant għażiża tagħna. Inħeġġiġkom tabbonaw fiha. Tistgħu tagħmlu dan fl-Uffiċċju Parrokkjali. Hu sabiħ infakkru li l-Editur ta' din ir-rivista hu membru ħabrieki tal-parroċċa tagħna, Francesco Pio Attard.

Il-ġabra tal-Ewwel tas-Sena b'risq id-Dar tal-Providenza laħqet is-somma ta' €1,805. Grazzi tal-ġenerożità tagħkom.

| | | |
|---|---|---|
| **KRONAKA** | **05-01-2019** | Nitolbu għal ruħ MARIA STELLA ATTARD li mietet fl-età ta' 95 sena. |

**INTENZJONIJIET TAL-QUDDIES**

| | |
|---|---|
| 13-01-2019 | Mikelanġ u Marija Camilleri |
| 14-01-2019 | Il-Familja Tabone |
| 15-01-2019 | Il-Familja Grech-Debrincat |
| 16-01-2019 | Rosina Scicluna |
| 17-01-2019 | Carmel u Frances Portelli-Farrugia |
| 18-01-2019 | Eucarista Zammit |
| 19-01-2019 | Ġużeppi u Carmela Pace |

AGĦTIHOM, O MULEJ, IL-MISTRIEĦ TA' DEJJEM